KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ppreżentati fit-18 ta' April 2012 [1]

Kawża C-490/10

Il-Parlament Ewropew
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Rikors għal annullament — Għażla tal-bażi legali doppja tal-Artikoli 337 TFUE u 187 KEEA — Miżuri li jaqgħu fil-kamp tas-setgħat tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija li huma rregolati speċifikament mill-Artikolu 194 TFUE u li jeħtieġu bażi legali waħda (Artikolu 194 TFUE)"

I – Introduzzjoni

1. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2010, il-Parlament Ewropew qiegħed jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010, tal-24 ta' Ġunju 2010, dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 [2] (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament ikkontestat").

2. Fil-mertu, din il-kawża titlob li tiġi identifikata l-bażi legali korretta tar-Regolament ikkontestat, fejn jidħlu inkwistjoni, minn naħa, l-Artikoli 337 TFUE u 187 KEEA, li jikkostitwixxu d-dispożizzjonijiet ġenerali previsti mit-Trattati rilevanti fil-qasam tal-ġbir tal-informazzjoni u li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament ikkontestat, u min-naħa l-oħra, l-Artikolu 194 TFUE, introdott mit-Trattat ta' Lisbona, li jikkonċerna l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija u li l-Parlament qiegħed jitlob li jiġi applikat.

3. Hawnhekk għandu jiġi stabbilit jekk, f'dan il-każ, għandhomx japplikaw l-Artikoli 337 TFUE u 187 KEEA, li abbażi tagħhom il-Kunsill jieħu deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi u kkwalifikata rispettivament, jew l-Artikolu 194 TFUE, li jeżiġi li tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja u, għaldaqstant, jagħti lill-Parlament is-setgħa li jipparteċipa fl-adozzjoni tal-att bil-modi previsti għall-applikazzjoni tal-proċedura msemmija.

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.
2 — ĠU L 180, p. 7.

II – Il-kuntest ġuridiku u l-fatti tal-kawża

4. Il-kamp tal-ġbir ta' informazzjoni fuq il-proġetti ta' investiment fid-diversi setturi tal-enerġija kien ġie rregolat mir-Regolament KEE Nru 1056/72 [3], tat-18 ta' Mejju 1972, li min-naħa tiegħu kien ġie emendat bir-Regolament KEE Nru 1215/76 [4], tal-4 ta' Mejju 1976, u sussegwentement issostitwit permezz tar-Regolament Nru 736/96, tat-22 ta' April 1996 [5].

5. Fis-17 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni bagħtet quddiem il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, proposta ta' regolament intiża li tissostitwixxi r-Regolament Nru 736/96, fejn indikat bħala bażi legali l-Artikoli 284 KE u 187 KEEA.

6. Fl-1 ta' Diċembru 2009, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa [6].

7. B'mod partikolari, il-Kummissjoni indikat il-proposti li minħabba fihom l-emendi li saru lit-Trattat ta' Lisbona kienu jinvolvu wkoll bidla fil-bażi legali li ma hijiex limitata għal sempliċi sostituzzjoni tan-numru tal-artikoli.

8. Fit-2 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni qalet li kien meħtieġ biss li ssir enumerazzjoni mill-ġdid tal-bażi legali tal-proposta ta' regolament inkwistjoni, li ġiet ibbażata, għaldaqstant, fuq l-Artikolu 337 TFUE u fuq l-Artikolu 187 KEEA.

9. Fl-24 ta' Ġunju 2010, filwaqt li semma bħala bażi legali l-Artikolu 337 TFUE u 187 KEEA, il-Kunsill adotta r-Regolament ikkontestat.

10. Fil-21 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 833/2010 li jimplementa r-Regolament ikkontestat [7], sabiex jiddefinixxi l-forma u l-karatteristiċi tekniċi l-oħra tan-notifika lill-Kummissjoni tal-informazzjoni fuq il-proġetti ta' investiment fis-settur tal-enerġija.

III – It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. Il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ikkontestat;

— tordna lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż.

12. Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lill-Parlament iħallas l-ispejjeż.

3 — ĠU L 120, p. 7.
4 — ĠU L 140, p. 1.
5 — ĠU L 102, p. 1.
6 — KUM(2009) 665 finali, tat-2 ta' Diċembru 2009.
7 — ĠU L 248, p. 36.

13. Il-Parlament jiddikjara wkoll li ma joġġezzjonax għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li, f'każ li r-rikors jiġi milqugħ, iżżomm l-effetti tar-Regolament ikkontestat skont ma' jipprovdi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE. Min-naħa tiegħu, fir-risposta tiegħu, il-Kunsill iressaq b'mod sussidjarju talba espressa li, f'każ li l-att ikkontestat jiġi annullat, għandhom jinżammu l-effetti tiegħu sakemm jiġi adottat provvediment ġdid.

14. Permezz ta' digriet tal-5 ta' April 2011, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba tal-Kummissjoni u tar-Repubblika Franċiża sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

15. Fil-5 ta' Diċembru 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-partijiet sabiex jiċċaraw bil-miktub jekk, fil-fehma tagħhom, id-differenzi bejn il-proċeduri previsti fl-Artikolu 194 TFUE u fl-Artikolu 187 KEEA humiex tali li jipprekludu li, bħala bażi legali ta' att tal-Unjoni, jintużaw iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien.

IV – Kunsiderazzjonijiet

16. Kif intwera fin-noti rispettivi tagħhom, il-partijiet prinċipali u l-intervenjenti ma jaqblux dwar l-identifikazzjoni tal-bażi legali korretta li ntużat għar-Regolament ikkontestat.

17. Skont il-Parlament kellu jintuża l-Artikolu 194 TFUE, li ġie introdott mit-Trattat ta' Lisbona u li jikkonċerna speċifikament il-qasam tal-enerġija, u b'mod partikolari, kellu jiġi osservat it-tieni paragrafu tal-artikolu msemmi, li jipprovdi li, għall-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet previsti fil-paragrafu 1, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni.

18. Dan minħabba li r-Regolament ikkontestat kien strument meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni permezz tal-ġbir ta' informazzjoni fuq il-proġetti ta' investiment dwar l-infrastrutturi li għandhom jinħolqu f'dan is-settur.

19. Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Franċiża, isostni, min-naħa l-oħra, li huwa kien korrett jagħżel l-Artikoli 337 TFUE u 187 KEEA, li jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħa li, fl-eżekuzzjoni tal-kompiti fdati lilha, tiġbor l-informazzjoni meħtieġa kollha skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill biss, u dan peress li din kienet biss sempliċi attività ta' ġbir ta' informazzjoni (anki jekk fil-kuntest tal-investimenti f'infrastrutturi tal-enerġija, fosthom dawk nukleari).

20. Is-soluzzjoni tal-kwistjoni teħtieġ, għaldaqstant, rikostruzzjoni tar-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet iċċitati, jiġifieri bejn l-Artikoli 194 TFUE, 337 TFUE u 187 KEEA.

21. Fl-ewwel lok ser jiġu eżaminati l-Artikoli 194 TFUE u 337 TFUE, inkwantu huma dispożizzjonijiet li ddaħħlu bl-istess trattat, u mbagħad ser jitqabblu mal-Artikoli 194 TFUE u 187 KEEA.

A – *Fuq ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 194 TFUE u l-Artikolu 337 TFUE*

22. L-Artikolu 194 TFUE (li l-formulazzjoni tiegħu hija dovuta għat-Trattat ta' Lisbona), jinsab fit-Titolu XXI tat-Trattat, li jikkonċerna l-enerġija, u jipprovdi:

"1. Fil-kuntest ta' l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u b' kont meħud tal-ħtieġa ta' preservazzjoni u titjib ta' l-ambjent, il-politika ta' l-Unjoni fil-qasam ta' l-enerġija għandha timmira li, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri:

a) tassigura l-funzjonament tas-suq ta' l-enerġija;

b) tassigura s-sigurtà tal-provvista ta' l-energija fl-Unjoni;

ċ) tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu ta' l-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u

d) tippromwovi l-interkonnessjoni ta' netwerks ta' l-enerġija.

2. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-kisba ta' l-objettivi previsti fil-paragrafu 1. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni.

Dawn m'għandhomx jolqtu d-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn riżorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista ta' enerġija tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 192(2)(c).

[…]".

23. Dan l-artikolu huwa dispożizzjoni intiża espressament biex tirregola l-politika tal-Unjoni fis-settur tal-enerġija, li minnha tifforma parti d-dispożizzjoni ġenerali ta' riferiment.

24. Kif jirriżulta mill-Artikolu 194(2) TFUE, l-atti li jimplementaw l-għanijiet indikati fil-paragrafu 1 tal-istess artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

25. In-natura ġenerali tal-Artiklu 194 TFUE tirriżulta wkoll mill-preċiżazzjoni, li tinsab fl-istess paragrafu 2, li jgħid li dan hu "[m]ingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati". Din il-preċiżazzjoni, li tiggarantixxi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċjali li jintroduċu proċeduri differenti għall-adozzjoni tal-atti f'dan il-qasam, timplika li l-proċedura msemmija fl-Artikolu 194 TFUE għandha tapplika b'mod ġenerali.

26. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 337 TFUE (li qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona kien l-Artikolu 284 KE), li jinsab fis-Seba' Parti tat-TFUE li hija ddedikata għad-dispożizzjonijiet ġenerali u finali tat-Trattat, jipprovdi li:

"Biex twettaq il-kompiti fdati lilha, il-Kummissjoni tista' tiġbor kull tagħrif u tagħmel il-verifiki kollha meħtieġa fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati".

27. Dan l-aħħar artikolu, kif jidher ukoll mill-fatt li jinsab imdaħħal fost id-dispożizzjonijiet ġenerali u finali tat-Trattat, huwa dispożizzjoni eżawrjenti, li tista' tiġi ddefinita bħala ġenerali fis-sens li, fejn ma japplikawx dispożizzjonijiet iktar speċifiċi, tirrikonoxxi l-eżistenza tas-setgħa tal-Kummissjoni li tiġbor l-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti fdati lilha mit-Trattati.

28. Għaldaqstant, l-Artikolu 337 TFUE għandu jinqara flimkien kemm mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, inkwantu huwa strumentali biex jitwettqu l-kompetenzi li għandha l-Unjoni, kif ukoll fid-dawl tas-setgħa tal-Kummissjoni li taġixxi b'azzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jafdawlha kompiti speċifiċi.

29. Kif jirriżulta mill-espressjoni “skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati” li tinsab fl-artikolu inkwistjoni “is-setgħa li tiġbor informazzjoni hija sussidjarja u aċċessorja, fis-sens li l-Kummissjoni titqies li tista’ twettaq b’mod effikaċi l-kompiti tagħha f’dawn is-setturi kollha jekk hija jkollha aċċess għal informazzjoni preċiża” [8]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

30. F’dak li jirrigwarda l-Artikolu 213 tat-Trattat KEE (li llum sar, essenzjalment, l-Artikolu 337 TFUE), il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li dan l-artikolu jista’ jikkostitwixxi fil-fatt bażi legali awtonoma ta’ att tal-Kunsill [9].

31. B’mod partikolari, ġie rrikonoxxut li l-Kunsill [10] għandu s-setgħa li jadotta att leġiżlattiv wieħed li jirregola s-setgħa tal-Kummissjoni li tiġbor informazzjoni rilevanti għal iktar minn settur wieħed ta’ attività, mingħajr ma huwa obbligat japprova sensiela ta’ atti leġiżlattivi abbażi tad-dispożizzjonijiet li jkunu applikabbli minn żmien għal żmien.

32. Dan għaliex l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni, fir-rigward ta’ xi qasam partikolari, tista’ tkun rilevanti f’diversi kuntesti u “jkun, jekk xejn, illoġiku li l-Kunsill ikun obbligat li jadotta sensiela ta’ atti fil-qasam tal-ġbir ta’ informazzjoni u dan skont regoli proċedurali differenti, speċjalment minħabba l-fatt li ċertu tip ta’ informazzjoni tirrigwarda diversi setturi ta’ attività tal-Kummissjoni” [11]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

33. Id-differenza bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet ineżami hija li filwaqt li l-Artikolu 194 TFUE huwa dispożizzjoni ġenerali fil-kuntest tal-enerġija biss u, għaldaqstant, jirreferi għal kompetenza li wieħed jista’ jiddefinixxiha bħala settorjali peress li tikkonċerna qasam wieħed sħiħ, l-Artikolu 337 TFUE jista’ japplika kull darba li l-Kummissjoni tkun kompetenti li taġixxi skont it-Trattati.

34. Il-fatt li ż-żewġ dispożizzjonijiet ineżami, minkejja li għandhom natura ġenerali t-tnejn li huma, għandhom portata differenti, jista’ jwassal biex ikun hemm kunflitt konkret bejniethom meta wieħed mill-atti jkun intiż li jirregola, bħal f’dan il-każ, il-ġbir ta’ informazzjoni fis-settur tal-enerġija.

35. Ma huwiex possibbli li dan il-kunflitt jiġi solvut billi jintuża l-kriterju tradizzjonali għar-riżoluzzjoni ta’ kunflitti bejn il-liġijiet li jistabbilixxi li d-dispożizzjoni speċjali tipprevali fuq dik ġenerali.

36. Fil-fatt, dan il-kriterju japplika meta jkun hemm dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istess qasam, li għandhom jiġu identifikati b’riferiment għall-interess ġuridiku protett, u li huma differenti inkwantu d-dispożizzjoni speċjali tissuġġetta parti mill-qasam irregolat mid-dispożizzjoni ġenerali għal regoli differenti.

37. L-artikoli ineżami, min-naħa l-oħra, għandhom it-tnejn li huma natura ġenerali u għan differenti, b’tali mod li ma huwiex possibbli li tiġi identifikata dispożizzjoni li għandha natura speċjali fil-konfront tal-oħra.

38. Ma jistax jintlaqa’ l-argument tal-Kunsill li jgħid li l-klawżola mdaħħla fl-Artikolu 194(2) TFUE, li tindika li hija bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati, tippermetti li jiġu applikati dispożizzjonijiet differenti fis-settur tal-enerġija u, għaldaqstant, bħala *lex specialis*, anki l-Artikolu 337 TFUE, li jista’ jkun, b’dan il-mod, il-bażi legali tar-Regolament ikkontestat, ma jreġġix.

8 — Punt 23 tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-426/93, Ġabra p. I-3723).

9 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar ’il fuq fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 8 (punti 18 u 19).

10 — Qabel, madankollu, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona u l-introduzzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja bħala proeċedura ġenerali ta’ riferiment.

11 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar ’il fuq fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 8 (punt 19), kif ukoll il-punt 24 tal-konklużjonijiet ippreżentati fl-istess kawża.

39. Fil-fatt, din il-klawżola ta' riżerva tirreferi biss għal dawk id-dispożizzjonijiet li jintroduċu regoli differenti minn dawk tal-Artikolu 194(2) TFUE inkwantu huma intiżi li jirregolaw aspetti speċifiċi fil-qasam tal-enerġija jew, fi kwalunkwe każ, oqsma differenti li, madankollu, għandhom punti sinjifikattivi li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-enerġija, sal-punt li ma jippermettux li ssir distinzjoni ċara bejn l-aspetti rispettivi [12], liema ċirkustanza ma teżistix f'dan il-każ [13].

40. Peress li fil-każ ineżami ma teżisti ebda dispożizzjoni speċjali, jeħtieġ, għaldaqstant, li tiġi identifikata l-bażi legali eżatta tar-Regolament ikkontestat filwaqt li jiġu eżaminati, skont it-tagħlim tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-elementi oġġettivi, li jistgħu jiġu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, u li fosthom insibu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att ikkonċernat [14].

41. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll li l-att li għandu għan doppju jew għandu komponent doppju u jekk wieħed minn dawn jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni jew predominanti, l-att għandu jkun ibbażat fuq il-bażi legali meħtieġa mill-għan jew komponent ewlieni jew predominanti [15].

42. Huwa biss l-att li jkollu diversi għanijiet indiviżibbli fl-istess ħin, mingħajr ma wieħed minnhom ikollu importanza sekondarja u indiretta fil-konfront ta' xi ieħor, li jista' jkun ibbażat fuq diversi bażijiet legali li jkunu kollha rilevanti [16].

43. Fil-każ ineżami, għandu jiġi kkunsidrat, qabelxejn, li skont l-Artikolu 194(2) TFUE, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jiddeċiedu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja meta jkunu jridu jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet previsti fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri dawk tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni.

44. L-Artikolu 337 TFUE, min-naħa l-oħra, huwa differenti minħabba li jagħmel riferiment għall-attività ġenerika tal-ġbir ta' informazzjoni u tat-twettiq tal-verifiki meħtieġa min-naħa tal-Kummissjoni biex twettaq il-kompiti fdati lilha, mingħajr ma jeżiġi li l-miżuri adottati eventwalment mill-Kunsill b'maġġoranza sempliċi jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' xi politika partikolari tal-Unjoni.

12 — Pereżempju l-Artikolu 192(2)(ċ) TFUE fil-qasam tal-ambjent, li jissemma espressament fl-Artikolu 194(2) TFUE u jippermetti li jiġu adottati miżuri li jaffettwaw b'mod sinjifikattiv l-għażla ta' Stat Membru bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-istess enerġija. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni, proprju minħabba li tidderoga mill-Artikolu 194(2) TFUE, timponi b'mod partikolari li tiġi osservata proċedura leġiżlattiva speċjali (deċiżjoni tal-Kunsill li tkun unanima wara li jiġi kkonsultat il-Parlament, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni) li hija ħafna iktar kumplessa minn dik imsemmija fl-Artikolu 337 TFUE.

13 — Il-Kunsill jindika bħala dispożizzjonijiet speċjali li jidderogaw mis-sistema msemmija fl-Artikolu 194 TFUE, l-Artikoli 122 TFUE u 170 TFUE wkoll. Fil-każijiet inkwistjoni, madankollu, in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 194 TFUE jirriżulta mid-diversità tal-oqsma rregolati, u dan fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 122 TFUE jirrigwarda l-politika ekonomika u jirregola s-setgħa tal-Kunsill li jiddeċiedi dwar il-miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika meta jqumu diffikultajiet gravi fil-provvista ta' ċerti prodotti, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija, mentri l-Artikolu 170 TFUE jikkonċerna s-settur tan-netwerks trans-Ewropej u l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-ħolqien u fl-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasporti, telekomunikazzjonijiet u enerġija.

14 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-300/89, Ġabra p. I-2867, punt 10); tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-338/01, Ġabra p. I-4829, punt 54); tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-155/07, Ġabra p. I-8103, punt 34), u tat-3 ta' Settembru 2009, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-166/07, Ġabra p. I-7135, punt 42).

15 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2001, Spanja vs Il-Kunsill (C-36/98, Ġabra p. I-779, punt 59); tal-11 ta' Settembru 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-211/01, Ġabra p. I-8913, punt 39); tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-338/01, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 55); tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-178/03, Ġabra p. I-107, punt 42), u tat-8 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-411/06, Ġabra p. I-7585, punt 46).

16 — *Ex plurimis* ara s-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2002, Huber (C-336/00, Ġabra p. I-7699, punt 31); tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-281/01, Ġabra p. I-12049, punt 35), u tal-11 ta' Settembru 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-211/01, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 40).

45. Għaldaqstant, ir-Regolament ikkontestat jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 194 TFUE inkwantu l-istess Regolament ikkontestat jista', fid-dawl tal-kontenut u l-għanijiet tiegħu, jiġi kkunsidrat bħala waħda mill-"miżuri meħtieġa għall-kisba tal-għanijiet previsti fil-paragrafu 1" tal-Artikolu 194 TFUE[17], jiġifieri att li huwa strumentali għall-politika tal-enerġija tal-Unjoni u għat-twettiq tal-għanijiet ta' din l-istess politika.

46. Min-naħa l-oħra, il-bażi legali korretta tar-Regolament ikkontestat tkun l-Artikolu 337 TFUE fil-każ li l-attività tal-ġbir ta' informazzjoni ma tkunx konnessa direttament mat-twettiq tal-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u, għaldaqstant, ma tkunx tikkwalifika bħala miżura meħtieġa għall-kisba tagħhom.

47. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi evalwat, billi jiġi eżaminat it-test tar-Regolament ikkontestat, b'mod partikolari t-titolu u l-artikoli li hemm fih, jekk il-ġbir u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni inkwistjoni humiex meħtieġa jew strettament konnessi mat-twettiq tal-għanijiet tal-Artikolu 194(1) TFUE.

48. Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li hemm artikoli tar-Regolament ikkontestat li oġġettivament ma jistgħux jitqiesu li jwasslu għall-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u ma humiex, għaldaqstant, meħtieġa għat-twettiq tagħhom.

49. Dawn huma l-Artikolu 4, li jindika s-sorsi ta' informazzjoni li għandhom jintbagħtu lill-Istati interessati (l-impriżi), l-Artikolu 7, li jikkonċerna t-termini biex jiġu adottati dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament ikkontestat, l-Artikolu 8, li jirrigwarda l-ipproċessar tad-data, u l-Artikolu 9, li jittratta l-protezzjoni tal-persuni fiżiċi b'riferiment għall-ġestjoni tad-data personali.

50. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitqiesu li huma tipiċi ta' regolament li jirrigwarda l-attività tal-ġbir ta' informazzjoni, u dan fid-dawl tal-fatt li dawn iservu biex jiġu identifikati l-persuni li għandhom jibagħtuha u biex jiġi identifikat min hu responsabbli għall-ipproċessar tal-informazzjoni (il-Kummissjoni), kif ukoll is-sistema ta' protezzjoni tad-data li tirrigwarda l-persuni fiżiċi u ż-żmien għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni li jikkonċernaw il-forma u l-karatteristiċi tekniċi tal-komunikazzjoni inkwistjoni.

51. It-titolu u d-dispożizzjonijiet sussegwenti l-oħra tar-Regolament ikkontestat jirriżultaw li huma, min-naħa l-oħra, konnessi strettament mal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u mhux espressjoni ta' sempliċi attività ta' ġbir ta' informazzjoni ġenerika.

52. Qabelxejn, it-titolu jsemmi espliċitament il-proġetti ta' investiment li jirrigwardaw l-infrastrutturi tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea, li huma essenzjali biex jiggarantixxu l-funzjonament u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni.

53. L-Artikolu 1 jirreferi, imbagħad, għan-notifika ta' data u informazzjoni li jirrigwardaw il-proġetti ta' investiment fl-infrastrutturi li jirrigwardaw prattikament is-setturi kollha tal-enerġija, fatt li jista' jsib spjegazzjoni biss fil-bżonn li titwettaq attività ta' programmazzjoni fuq skala wiesgħa intiża li tiżgura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u l-iżvilupp ta' enerġiji ġodda u rinnovabbli.

54. L-Artikolu 2 jipprovdi, għaldaqstant, definizzjonijiet li huma marbutin b'mod ċar mal-ħtieġa li jintlaħqu l-istess għanijiet tal-Artikolu 1, b'mod partikolari meta jsemmi l-korp speċifiku inkarigat bit-tħejjija u l-approvazzjoni tal-iżvilupp ta' netwerk pluriennali fl-Unjoni kollha u pjanijiet ta' investiment fl-infrastrutturi tal-enerġija.

17 — Li skont l-Artikolu 194(1) TFUE huma li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, kif ukoll li tingħata iktar importanza għall-iffrankar fl-użu tal-enerġija, għall-effiċjenza fl-enerġija, għall-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli u għall-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija.

55. L-Artikolu 3 jikkjarifika wkoll li, ħlief għall-proġetti ta' trażmissjoni transkonfinali, id-data inkwistjoni għandha tkun notifikata f'forma aggregata, u b'dan il-mod juri li d-destinazzjoni tagħha hija għal attività ta' programmazzjoni kumplessa bħalma hija dik imsemmija iktar 'il fuq, li tmur lil hinn mis-sempliċi ġbir ta' informazzjoni ġenerika u mhux aggregata, u dan kif jirriżulta wkoll mir-riferiment għall-korp speċifiku msemmi fl-Artikolu 2.

56. Barra minn hekk, l-Artikolu 5 jiddefinixxi l-kontenut tan-notifika tal-informazzjoni li f'dan il-każ tidher vasta u dettaljata. Il-ħtieġa li tingħabar data estremament kumplessa u saħansitra osservazzjonijiet rilevanti fuq id-dewmien jew fuq l-ostakli kkonfrontati matul it-twettiq tal-proġetti ta' investiment, li din id-dispożizzjoni hekk turi, issib l-ispjegazzjoni l-iktar raġonevoli tagħha fil-ħtieġa li jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE.

57. L-Artikolu 6 jitkellem fuq il-kwalità tal-attività tal-ġbir u n-notifika tal-informazzjoni u, anki bil-fatt li jirreferi għall-kummenti tal-Istati Membri, għall-pubblikazzjoni f'forma aggregata tad-data u għall-analiżi msemmija fl-Artikolu 10(3), ikopri attivitajiet li huma kumplessi wisq biex ikunu jirrigwardaw biss is-sempliċi ġbir ta' informazzjoni ġenerika u li, min-naħa l-oħra, jwasslu għal operazzjoni ta' programmazzjoni iktar speċifika intiża biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni.

58. L-Artikolu 10 jipprovdi, fl-aħħar nett, li abbażi tad-data u tal-informazzjoni ppreżentati u, jekk ikun il-każ, ta' kwalunkwe sors ta' data ieħor, il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — u għandha tippubblika kull sentejn — analiżi transsettorjali tal-evoluzzjoni strutturali u tal-perspettivi tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni li għandha l-għan li:

a) tidentifika diskrepanzi futuri potenzjali bejn il-provvista u d-domanda tal-enerġija li huma sinjifikattivi minn perspettiva ta' politika tal-enerġija tal-Unjoni;

b) tidentifika ostakoli għall-investiment u tippromwovi l-aħjar prattiki biex tindirizzahom;

ċ) iżżid it-trasparenza għall-parteċipanti fis-suq u dawk li potenzjalment jidħlu fis-suq.

59. Dan l-aħħar artikolu, bil-fatt li jipprevedi li ssir l-imsemmija analiżi transsettorjali tal-evoluzzjoni strutturali u l-perspettivi tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, jagħmel riferiment għal metodu kumpless ta' pproċessar tal-informazzjoni inkwistjoni li għandu jitqies li jmur lil hinn mis-sempliċi attività ta' ġbir tal-informazzjoni u intiż biex jilħaq għanijiet funzjonali sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq tal-enerġija.

60. L-evalwazzjoni tal-artikoli kollha tar-Regolament ikkontestat imsemmija iktar 'il fuq, kif magħmula fid-dawl tat-titolu ta' dan l-istess regolament u b'mod li tipparaguna u tibbilanċja l-imsemmija dispożizzjonijiet bejniethom, turi li l-kontenut tal-att ikkontestat ma huwiex intiż għall-attività ġenerika tal-ġbir ta' sempliċi informazzjoni, iżda huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni.

61. Fil-fatt, l-Artikoli 4, 7, 8 u 9, li ma humiex relatati b'mod dirett għal dik il-politika u fil-fatt jikkonċernaw is-sempliċi attività ta' ġbir ta' informazzjoni, jaqdu rwol sekondarju u aċċessorju fl-istruttura tar-regolament u dan minħabba n-natura estremament teknika tagħhom.

62. Dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex xi karatteristika partikolari tar-Regolament ikkontestat, inkwantu jistgħu jitqiesu li huma dispożizzjonijiet tipiċi ta' kwalunkwe att li jikkonċerna l-ġbir ta' informazzjoni.

63. Min-naħa l-oħra, l-artikoli l-oħra eżaminati (l-Artikoli 1, 2, 3, 5, 6 u 10) u t-titolu tar-Regolament ikkontestat huma kkaratterizzati bħala l-elementi essenzjali ta' dan l-att, u dan peress li jiddefinixxu l-karatteristika prinċipali, jiġifieri l-impożizzjoni ta' serje ta' attivitajiet kumplessi ta' ġbir, komunikazzjoni u analiżi li huma relatati b'mod ċar ma' programmazzjoni strutturata prattikament fl-oqsma u s-setturi kollha tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u li għandhom bħala għan it-twettiq tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE.

64. Minn dan isegwi li, fl-evalwazzjoni tar-Regolament ikkontestat bil-għan li tiġi identifikata l-bażi legali korretta tiegħu, jeħtieġ li, wara li jsir l-eżerċizzju biex jiġu bbilanċjati l-elementi li jifformawh li ssemma iktar 'il fuq, tingħata preċedenza lil dik il-parti tal-istess regolament (it-titolu u l-Artikoli 1, 2, 3, 5, 6 u 10) li tikkaratterizzah b'mod ċar meta mqabbel ma' atti eventwali oħra li jikkonċernaw il-ġbir ta' informazzjoni inkwantu tiddefinixxi b'mod partikolari s-suġġett (l-informazzjoni li tirrigwarda l-investimenti fl-infrastrutturi tal-enerġija) u tirrendih strument meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika settorjali tal-Unjoni bħalma hija dik tal-enerġija.

65. Id-dispożizzjonijiet iċċitati l-oħra (l-Artikoli 4, 7, 8 u 9) jassumu importanza żgħira peress li min-natura kjarament teknika tagħhom, ma jikkwalifikawx u ma jippermettux li tiġi identifikata rabta ma' xi politika speċifika tal-Unjoni, iżda jistgħu jaqgħu taħt kwalunkwe regolament fil-qasam tal-ġbir ta' informazzjoni.

66. Il-punti msemmija hawn fuq u, b'mod partikolari, dak li jinsab fil-punt 64 iktar 'il fuq, huma kkonfermati mill-analiżi tal-premessi li jippreċedu l-parti dispożittiva tar-Regolament ikkontestat.

67. Qabelxejn, għandu jiġi osservat li, il-premessi 1, 5 u 15 jippreċiżaw essenzjalment li l-informazzjoni inkwistjoni għandha tinġabar sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha fis-settur tal-enerġija u tifformula proposti għal dak li jirrigwarda l-bilanċ futur bejn id-domanda u l-provvista tal-enerġija, anki billi jiġu identifikati nuqqasijiet eventwali fl-infrastrutturi u fl-investimenti, b'mod li hekk jiġi ċċarat li r-Regolament ikkontestat huwa intiż li jiggarantixxi l-funzjonament tas-suq tal-enerġija.

68. Barra minn hekk, il-premessi 2, 3 u 4 juru b'mod globali l-ħtieġa li jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll il-promozzjoni tan-nuqqas ta' ħela fl-enerġija, tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-iżvilupp tal-enerġiji ġodda u rinnovabbli, li huma kollha kemm huma għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 194(1) TFUE.

69. Għaldaqstant, jirriżulta li huwa kkonfermat li r-Regolament ikkontestat huwa intiż li jwettaq l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni u mhux xi attività ġenerika ta' ġbir ta' sempliċi informazzjoni.

70. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmulin iktar 'il fuq, ma jistax ikun hemm qbil mal-affermazzjoni tal-Kunsill (sostnut mir-Repubblika Franċiża) li tgħid li għandha tiġi eskluża r-rabta tar-Regolament ikkontestat mal-għanijiet tal-Artikolu 194(1) TFUE peress li, xorta waħda, l-unika suġġett tal-att inkwistjoni huwa n-notifika tal-informazzjoni, u dan kif jiġi dedott mill-fatt li l-Artikoli 1 u 3 sa 9 [18] jirrigwardaw biss aspetti li jikkonċernaw il-komunikazzjoni ta' informazzjoni.

71. Dwar dan il-punt, apparti li nirreferi għal dak li għidt iktar 'il fuq, nosserva li l-eżami tal-artikoli ma għandux ikun limitat għas-sempliċi qari formali u separat, mingħajr ma ssir evalwazzjoni globali u koordinata tal-istess artikoli.

18 — Ir-Repubblika Franċiża tagħmel riferiment ukoll għall-premessi 1, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 13 u 14.

72. Ir-Regolament ikkontestat għandu bħala suġġett mhux il-ġbir ta' informazzjoni ġenerika, imma ta' informazzjoni partikolari, bħalma hija dik fuq l-investimenti fl-infrastrutturi tal-enerġija, li jaqgħu taħt settur (l-enerġija) li huwa ttrattat speċifikament mit-Trattati.

73. It-teżi tal-Kunsill, min-naħa l-oħra, twassal biex tiġi injorata n-natura vera tal-informazzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari l-kontenut speċifiku tagħha, billi tiffoka biss fuq il-profil formali u mhux ikkontestat tan-notifika materjali tad-data u mhux fuq ir-rwol ta' din l-informazzjoni fil-kuntest tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni.

74. Il-Kunsill isostni wkoll li mill-eżami tal-Artikolu 10 tar-Regolament ikkontestat jirriżultaw l-għanijiet speċifiċi tal-Kummissjoni u l-metodi li jirrigwardaw l-użu u t-tixrid tad-data stess, fosthom, b'mod partikolari, l-ipproċessar tal-informazzjoni miġbura u t-twettiq ta' analiżi dwar l-evoluzzjoni u l-perspettivi tal-investimenti fl-infrastrutturi tal-enerġija.

75. Dawn l-għanijiet jistgħu jiġu dedotti b'mod iktar ġeneriku mill-Artikolu 17 TUE, li bih il-Kummissjoni tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni, tippreżenta proposti, u tissorvelja l-applikazzjoni tat-Trattat, l-applikazzjoni tagħhom u l-applikazzjoni tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet.

76. Għaldaqstant, skont il-Kunsill, l-għan tar-Regolament ikkontestat huwa li jippermetti lill-Kummissjoni li jkollha b'mod regolari data aġġornata, filwaqt li toħloq sistema uniformi ta' ġbir u komunikazzjoni ta' din id-data sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha "inkwantu l-pussess ta' informazzjoni affidabbli huwa essenzjali sabiex il-Kummissjoni tkun tista' taqdi d-dmirijiet tagħha"[19]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

77. Fuq dan il-punt tiġi mtennija l-ħtieġa ta' eżami globali tat-test tar-Regolament ikkontestat li ma jkunx purament formali, iżda li jippermetti li jiġi identifikat l-għan effettiv tiegħu billi ssir evalwazzjoni koordinata tad-dispożizzjonijiet u premessi kif ukoll tan-natura tal-informazzjoni inkwistjoni.

78. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, l-għan tal-ġbir ta' informazzjoni inkwistjoni jirriżulta li huwa kjarament strumentali, kif ingħad diġà, għall-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE, u ma huwiex marbut b'mod ġenerali mal-Artikolu 17 TUE.

79. Għaldaqstant, għandu jiġi affermat li fid-dawl kemm tal-kontenut kif ukoll tal-għan tar-Regolament ikkontestat, u kif jirriżulta minn analiżi tat-titolu u tal-artikoli u premessi tiegħu, l-att ikkontestat jirrappreżenta *miżura meħtieġa* biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni, kif definiti b'mod espliċitu fl-Artikolu 194(1) TFUE.

80. Dan jirriżulta mill-fatt li s-suġġett tar-regolament huwa l-ġbir mhux ta' informazzjoni ta' natura ġenerali, imma ta' data u informazzjoni speċifika minħabba li jirrigwardaw l-infrastrutturi tal-enerġija li, proprju minħabba l-partikolarità tagħhom, u b'kuntrast ma' dak li ssostni l-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet tagħha, irendu din l-attività ta' ġbir ta' informazzjoni *rekwiżit neċessarju* għat-twettiq tal-interventi l-oħra kollha li huma iktar kumplessi u li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE u għall-implementazzjoni konkreta tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni, li tirriżulta, għaldaqstant, li hija l-għan tar-Regolament ikkontestat.

81. L-istess Kunsill jirrikonoxxi impliċitament il-partikolarità tal-informazzjoni inkwistjoni u r-rabta tagħha mal-Artikolu 194 TFUE meta jafferma li dik l-informazzjoni hija meħtieġa fil-kuntest ta' politika prevista mit-Trattat u li r-Regolament ikkontestat huwa marbut ma' politika tal-Unjoni, li f'dan il-każ hija dik tal-enerġija[20].

19 — Ara l-punt 17 tar-risposta ppreżentata mill-Kunsill.

20 — Ara l-ewwel parti tal-punt 29 tar-risposta ppreżentata mill-Kunsill.

82. Fil-fatt, il-ħtieġa ta' din l-informazzjoni fil-kuntest tal-politika tal-enerġija, b'kuntrast ma' dak li jsostni mbagħad il-Kunsill, ma tikkostitwixxix "kundizzjoni *sine qua non* biex japplika l-Artikolu 337" [21], [traduzzjoni mhux uffiċjali] iżda, għall-kuntrarju, hija, kif diġà ġie enfasizzat fil-punti 43 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-rekwiżit stess meħtieġ mill-Artikolu 194(2) TFUE biex jiġu adottati, bl-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, miżuri intiżi għat-twettiq tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE [22].

83. Il-kunsiderazzjonijiet magħmula sa issa huma msaħħa mill-fatt li, li kieku kellha tintlaqa' t-teżi tal-Kunsill, il-parteċipazzjoni tal-Parlament fil-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni tiġi mnaqqsa, u dan b'kuntrast mal-importanza li din ingħatat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [23], u, barra minn hekk, ma jitteħidx kont tat-tendenza l-iktar reċenti tal-Unjoni li, bit-Trattat ta' Lisbona, identifikat bħala proċedura leġiżlattiva ordinarja, dik tal-Artikolu 194(2) TFUE, li jipprevedi setgħa ta' parteċipazzjoni sħiħa fl-eżerċizzju tal-funzjoni leġiżlattiva tal-Parlament, u rrenda definittivament residwali l-każijiet (bħalma huwa dak tal-Artikolu 337 TFUE) li fihom il-Kunsill jadotta regolamenti b'maġġoranza sempliċi.

84. L-argumenti l-oħra esposti mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Franċiża ma jistgħux jannullaw il-konklużjonijiet li ntlaħqu qabel fir-rigward tal-kontenut u tal-għan tar-Regolament ikkontestat.

85. Huma jsostnu, fis-sottomissjonijiet tagħhom, li fil-każ konkret, dan ir-Regolament ikkontestat, għalkemm marbut mas-settur tal-enerġija, għandu, fir-rigward tas-suġġett prinċipali tiegħu, effett indirett u aċċessorju fuq il-politika kkonċernata, li tirrappreżenta biss il-kuntest, anki għaliex, biex jilħaq direttament l-għanijiet tal-politika tal-enerġija, jeħtieġ miżuri ħafna iktar estiżi mis-sempliċi ġbir ta' informazzjoni.

86. Jien ma naqbilx ma' din it-teżi peress li, malli tiġi aċċertata, għar-raġunijiet mogħtija iktar 'il fuq, ir-rabta ċara u neċessarja tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni mal-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE u mal-ħolqien tal-infrastrutturi tal-enerġija, allura għandu jiġi eskluż li r-Regolament ikkontestat jaffettwa biss b'mod indirett u aċċessorju lil din il-politika.

87. Hija wkoll ineffettiva l-osservazzjoni li l-Artikolu 337 TFUE jitneħħielu kull effett utli tiegħu jekk ma jkunx jista' jibqa' jikkostitwixxi l-bażi legali tal-atti adottati biex tinġabar informazzjoni fil-każijiet kollha li fihom tkun involuta xi politika settorjali tal-Unjoni.

88. L-Artikolu 337 TFUE jista' fil-fatt jibqa' jiġi applikat bħala bażi legali unika barra mill-każijiet espressament irregolati minn dispożizzjonijiet li, bħal f'dan il-każ, jipprevedu l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja jew, fi kwalunkwe każ, proċeduri partikolari, iżda ma jistax jintuża biex isir intervent f'settur irregolat b'mod sħiħ u ġenerali minn dispożizzjonijiet tat-Trattati li jidderogaw mill-proċedura prevista hemmhekk.

21 — Ara l-parti finali, dejjem tal-punt 29 tar-risposta ppreżentata mill-Kunsill.

22 — Fil-fatt, l-Artikolu 194(2) TFUE jipprovdi li "Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-*miżuri meħtieġa* għall-kisba tal-objettivi previsti fil-paragrafu 1. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni".

23 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-parteċipazzjoni effettiva tal-Parlament fil-proċedura ta' approvazzjoni tal-atti, meta prevista, hija r-riflessjoni, fuq il-livell tal-Komunità, tal-prinċipju demokratiku fundamentali li l-popli għandhom jipparteċipaw fl-eżerċizzju tal-poter permezz ta' assemblea rappreżentattiva, fejn tali parteċipazzjoni tirrappreżenta element essenzjali mill-bilanċ istituzzjonali mixtieq mit-Trattat (sentenza tad-29 ta' Ottubru 1980, SA Roquette Frères vs Il-Kunsill (138/79, Ġabra p. 3333, punt 33).

89. Fil-fatt, b'kuntrast ma' dak li jaffermaw il-Kunsill u l-Kummissjoni, dan il-każ ma jinvolvix is-setgħa tal-Kummissjoni li tuża liberament l-informazzjoni li tkun ġiet akkwistata b'xi mod leġittimu biex twettaq kompiti (indikati mit-Trattati) li jikkonċernaw politiki differenti minn dawk li għalihom inkisbet, iżda l-obbligu li tadotta l-atti li jirregolaw din is-setgħa ta' ġbir fuq il-bażi legali korretta u, fuq kollox, tal-proċedura prevista mit-Trattati meta jkunu involuti oqsma li jkunu s-suġġett ta' regoli kompluti fis-settur.

90. Lanqas ma naqbel mat-teżi li l-Artikolu 337 TFUE huwa bażi legali suffiċjenti għar-Regolament ikkontestat inkwantu d-dispożizzjoni immedjatament sussegwenti tat-TFUE, l-Artikolu 338, li jikkonċerna l-miżuri li għandhom jiġu adottati biex tiġi prodotta statistika, fejn meħtieġ, għat-twettiq tal-attività tal-Unjoni, huwa l-bażi legali idonea li fuqha għandha tkun ibbażata l-produzzjoni ta' din l-istatistika f'kull settur, inkluż dak tal-enerġija.

91. Minn dan l-aspett l-Artikolu 338 TFUE, peress li jinsab fost id-dispożizzjonijiet ġenerali u finali tat-Trattat, għandu portata ġenerali li jrenduh applikabbli fil-kuntesti kollha ta' kompetenza tal-Unjoni, u l-istess konklużjoni għandha tintlaħaq fir-rigward tal-Artikolu 337 TFUE, u dan fid-dawl tal-konnessjoni bejn id-dispożizzjonijiet ġenerali u finali tat-Trattat u l-portata ġenerali identika.

92. Indipendentement mir-rilevanza tal-Artikolu 338 TFUE f'din il-kwistjoni, għandhom jiġu kkonfermati, fl-ewwel lok, il-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq fis-sens li, meta qasam ikun irregolat b'mod sħiħ bħala settur fit-Trattati, id-dispożizzjonijiet relattivi jirrappreżentaw, bħala prinċipju, il-bażi legali korretta tal-atti li jirregolaw dak il-qasam, li għandhom jiġu adottati skont il-proċedura indikata minn dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija l-aħħar, jekk din tkun prevista.

93. Barra minn hekk, b'kuntrast mal-Artikolu 337 TFUE [24], l-Artikolu 338 TFUE jimponi li tiġi użata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, l-istess bħall-Artikolu 194(2) TFUE [25].

94. Minn dan jista' jiġi dedott li, għall-istatistika fil-qasam tal-enerġija, l-Artikolu 194 TFUE ser jikkostitwixxi l-bażi legali korretta, li miegħu jista' jiżdied eventwalment l-Artikolu 338 TFUE, u dan fid-dawl tal-fatt li l-proċedura li għandha tiġi segwita għall-approvazzjoni hija identika u, għaldaqstant, ma jidher li hemm ebda preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Parlament.

95. Min-naħa l-oħra, b'kuntrast mal-każ tal-Artikolu 338 TFUE, l-Artikolu 337 TFUE ma jidhirx li jista' jiġi indikat bħala bażi legali konġunta mal-Artikolu 194 TFUE peress li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din is-soluzzjoni hija eskluża meta, bħal f'dan il-każ, iż-żewġ bażijiet legali huma inkompatibbli [26] u, fi kwalunkwe każ, meta l-użu konġunt tagħhom jista' jippreġudika d-drittijiet tal-Parlament [27] (li ma ngħatax is-setgħa li jipparteċipa b'mod sħiħ fl-eżerċizzju tal-funzjoni leġiżlattiva).

96. Għaldaqstant, biex nikkonkludi fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-Artikolu 194 TFUE u l-Artikolu 337 TFUE, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tilqa' t-talba u tannulla r-Regolament ikkontestat.

24 — Meħud kont tal-fatt li l-ħolqien ta' statistika huwa attività ħafna iktar kumplessa minn dik tal-ġbir ta' informazzjoni, li fil-fatt, is-soltu tikkostitwixxi rekwiżit għall-ewwel attività msemmija.

25 — Ir-Repubblika Franċiża tenfasizza, insostenn tat-teżi tagħha, li l-Artikolu 338 TFUE ġie indikat mill-Kummissjoni bħala bażi legali għall-Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (KUM(2010) 132 finali), tad-9 ta' April 2010, flok l-Artikolu 192(1) TFUE, mingħajr ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Parlament. Din il-kunsiderazzjoni hija ineffettiva inkwantu, fejn tkun ġiet adottata l-proċedura korretta, xorta waħda l-Parlament ma jkollux interess konkret biex jaġixxi.

26 — Iż-żewġ dispożizzjonijiet jipprevedu żewġ proċeduri totalment differenti u dan peress li, abbażi tal-Artikolu 194 TFUE tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tirrikonoxxi s-setgħa ta' parteċipazzjoni sħiħa fl-eżerċizzju tal-funzjoni leġiżlattiva tal-Parlament u tippreskrivi l-użu tal-maġġoranza kkwalifikata għall-Kunsill, filwaqt li skont l-Artikolu 337 TFUE, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi u l-Parlament ma jkunx involut.

27 — Sentenzi tal-11 ta' Ġunju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-300/89, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punti 17 sa 21), u tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-178/03, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 57).

B – *Dwar ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 194 TFUE u l-Artikolu 187 KEEA*

97. L-Artikolu 187 KEEA jinsab fit-Titolu V ta' dan it-Trattat, li fih id-dispożizzjonijiet ġenerali tiegħu u jipprovdi li:

"Biex twettaq il-kompiti fdati lilha, il-Kummissjoni tista' tiġbor kull tagħrif u tagħmel il-verifiki kollha meħtieġa fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati".

98. Għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni bejn l-Artikolu 187 KEEA u l-imsemmi Artikolu 194 TFUE għandhom jitfakkru, qabelxejn, il-kunsiderazzjonijiet li saru diġà fir-rigward tal-Artikolu 337 TFUE.

99. Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll li fit-Trattat Euratom hemm ċerti dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward tal-enerġija li jaqgħu taħt il-klawżola ta' riżerva li tinsab fl-Artikolu 194(2) TFUE u li, għaldaqstant, jidderogaw minn din id-dispożizzjoni għal dak li jirrigwarda esklużivament is-settur nukleari.

100. B'mod partikolari, l-Artikolu 41 KEEA, flimkien mal-Artikoli 42 sa 44 KEEA li jippreċiżaw il-proċedura tiegħu, jirregola, għal dak li huwa rilevanti għal din il-kwistjoni, il-komunikazzjoni tal-"proġetti ta' investiment li għandhom x'jaqsmu ma' faċilitajiet ġodda, tibdil jew konverżjoni li jikkorrispondu kwantu għal tip jew daqs mal-kriterji stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni […]".

101. Tali komunikazzjonijiet għandhom l-għan, skont l-Artikolu 40 KEEA, li jistimulaw l-inizjattiva ta' persuni u impriżi u biex jiffaċilitaw l-iżvilupp koordinat tal-investiment minnhom fil-qasam nukleari, u għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha perjodikament tippubblika programmi li jindikaw, b'mod partikolari, il-miri tal-produzzjoni għall-enerġija nukleari u tat-tipi varji ta' investiment meħtieġ biex dawn jintlaħqu.

102. Fid-dawl tan-natura speċjali tagħhom meta mqabbla mal-Artikolu 194(2) TFUE, l-imsemmija dispożizzjonijiet tat-Trattat KEEA jistgħu jikkostitwixxu, fis-settur ta' kompetenza tagħhom [28], il-bażi legali li fuqhom tkun ibbażata l-adozzjoni tar-regolamenti li jirrigwardaw il-ġbir tal-informazzjoni inkwistjoni.

103. L-Artikolu 187 KEEA jista' eventwalment jiġi indikat bħala bażi legali oħra u komplementari, peress li ma jippreżentax problemi proċedurali [29], u dan fid-dawl tal-fatt li, skont l-Artikolu 41 KEEA, il-Kunsill jieħu deċiżjonijiet permezz ta' maġġoranza kkwalifikata.

104. Jien ma naqbilx mat-teżi tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tar-Repubblika Franċiża li l-Artikolu 187 KEEA huwa, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjoni ġenerali li fuqha għandha tkun ibbażata l-attività kollha ta' ġbir ta' informazzjoni li twettaq il-Kummissjoni biex tilħaq l-għanijiet indikati mit-Trattat Euratom.

105. Skont din l-interpretazzjoni, l-Artikoli 40 sa 44 KEEA għandhom portata iktar limitata mill-Artikolu 187 KEEA, peress li skont id-dispożizzjonijiet imsemmija l-ewwel, l-impriża kkonċernata għandha tikkomunika l-informazzjoni li tikkonċerna proġett individwali darba waħda biss fil-fażi inizjali tiegħu.

28 — Dawn jirrigwardaw l-istess suġġett, jiġifieri l-enerġija, iżda settur partikolari minnha, dak nukleari, bil-konsegwenza li f'dan il-każ tapplika r-regola *lex specialis derogat legi generali*.

29 — Fil-każ tal-Artikolu 187 KEEA, il-Kunsill jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza kkwalifikata skont l-Artikolu 16(3) TFUE li, min-naħa tiegħu, japplika inkwantu huwa msemmi mill-Artikolu 106a(1) KEEA.

106. L-Artikolu 187 KEEA għandu jintuża, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni iktar wiesgħa tiegħu meta mqabbel mal-Artikoli 40 sa 44 KEEA, meta, bħal fil-każ ineżami, tkun meħtieġa komunikazzjoni regolari tad-data aggregata min-naħa mhux biss tal-impriżi privati, imma wkoll tal-Istati Membri, li ma hijiex intiża esklużivament għall-iżvilupp koordinat tal-investimenti fis-settur nukleari, iżda għall-użu tagħha għal kull analiżi magħmula mill-Kummissjoni li hija meħtieġa jew xierqa fil-kuntest tal-kompiti fdati lilha.

107. Fuq dan il-punt jiġi mtenni li l-Artikolu 187 KEEA huwa dispożizzjoni li, l-istess bħall-Artikolu 337 TFUE[30], huwa marbut neċessarjament mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jafdaw lill-Kummissjoni b'kompiti speċifiċi.

108. L-Artikolu 187 KEEA, għaldaqstant, jista' jkun il-bażi legali tal-atti adottati fil-qasam tal-ġbir ta' informazzjoni li tikkonċerna l-investimenti f'infrastrutturi fis-settur tal-enerġija nukleari flok l-Artikolu 194 TFUE biss jekk jista' jintrabat ma' dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom li jidderogaw mill-imsemmija dispożizzjoni bis-saħħa tal-klawżola ta' riżerva li tinsab fl-Artikolu 194(2) TFUE, kif fil-fatt huwa l-każ għall-Artikoli 40 sa 44 KEEA.

109. Min-naħa l-oħra, peress li l-Artikolu 187 KEEA ma huwiex dispożizzjoni speċjali meta mqabbel mal-Artikolu 194 TFUE, huwa ma jistax jidderoga direttament minn dan tal-aħħar, bil-konsegwenza li, safejn, f'dan il-każ, jinqabeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 40 sa 44 KEEA, il-bażi legali korretta tar-regolament tibqa' l-Artikolu 194 TFUE.

110. Fil-każ konkret, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni inkwistjoni għandha, fil-fatt, portata iktar wiesgħa minn dik tal-Artikoli 40 sa 44 KEEA, peress li tirrigwarda lill-Istati membri (li lilhom għandha tiġi komunikata l-informazzjoni mill-impriżi), hija ta' natura kontinwa u tirrigwarda fil-parti l-kbira data aggregata u mhux proġetti singulari[31].

111. Dan jiċċara li l-informazzjoni ineżami ma hijiex intiża sempliċement li ġġib għal konjizzjoni tal-Kummissjoni proġetti singulari ta' impriżi partikolari f'termini ta' investimenti fil-qasam nukleari[32], iżda sservi biex tippermetti l-ġbir ta' data iktar kumplessa intiża li tintuża biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE, bil-konsegwenza li dan l-aħħar artikolu jirriżulta li huwa l-bażi legali l-iktar xierqa.

112. Barra minn hekk, anki jekk wieħed jaċċetta li r-Regolament ikkontestat għandu komponent doppju, il-parti ta' dan li, fil-limiti msemmija, jista' jkollha bħala bażi legali l-Artikoli 40 sa 44 KEEA (li miegħu jista' jiżdied l-Artikolu 187 KEEA) ma hijiex prinċipali u predominanti meta mqabbla ma' dik il-parti li hija relatata mal-Artikolu 194 TFUE.

113. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-Regolament ikkontestat għandu jkun ibbażat dejjem, fi kwalunkwe każ, fuq l-Artikolu 194 TFUE, li hija l-bażi legali meħtieġa għall-għan jew mill-parti prinċipali jew predominanti.

30 — Dwar dan il-punt, ara l-punti 27 sa 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 — — Kif jirriżulta mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament ikkontestat, li jaqra kif ġej:
"[…] l-Istati Membri jew l-entitajiet li lilhom ikunu ddelegaw dan il-kompitu għandhom jikkompilaw id-data u l-informazzjoni kollha speċifikati f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2011 u minn dakinhar 'il quddiem kull sentejn.Huma għandhom jinnotifikaw id-data aggregata u l-informazzjoni rilevanti għall-proġett speċifikati f'dan ir-Regolament lill-Kummissjoni fl-2011, fejn dik is-sena tkun l-ewwel sena ta' rappurtar, u minn dakinhar 'il quddiem kull sentejn. Din in-notifika għandha ssir f'forma aggregata, ħlief għad-data u l-informazzjoni rilevanti dwar proġetti ta' trasmissjoni transkonfinali […]".

32 — L-Anness tar-Regolament ikkontestat, fil-punt 3.1, isemmi espressament l-impjanti tal-enerġija termali u nukleari fost it-tipi ta' proġetti ta' investiment ikkonċernati.

114. Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet lill-partijiet [33] mistoqsija fir-rigward tal-possibbiltà li tuża flimkien l-Artikoli 194 TFUE u 187 KEEA bħala bażi legali tar-Regolament ikkontestat kieku l-proċeduri previsti fihom kellhom jitqiesu li huma kompatibbli minkejja d-differenzi bejniethom.

115. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-kompatibbiltà eventwali bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma tkunx rilevanti jekk l-Artikolu 194 TFUE jitqies li huwa l-unika dispożizzjoni li għandha tiġi applikata abbażi tal-kunsiderazzjonijiet magħmula sa issa.

116. Jekk, min-naħa l-oħra, kellu jiġi affermat li r-Regolament ikkontestat għandu komponent doppju jew għan doppju u li ma huwiex possibbli li jiġi identifikat il-komponent jew l-għan predominanti [34], anki jekk il-proċeduri ineżami jkunu, fl-astratt, kompatibbli bejniethom (ħaġa li ġiet affermata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mir-Repubblika Franċiża fir-risposti tagħhom, iżda li ġiet miċħuda mill-Kummissjoni) [35], xorta waħda, fil-każ konkret, ikollha tiġi segwita l-proċedura tal-Artikolu 194 TFUE, u dan peress li l-Artikolu 187 KEEA ma jipprevedi ebda parteċipazzjoni tal-Parlament.

117. Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Regolament ikkontestat ma setax jiġi adottat mill-Kunsill billi jintużaw bħala bażi legali l-Artikoli 337 TFUE u 187 KEEA flok l-Artikolu 194 TFUE u mingħajr ma tiġi rrispettata l-proċedura prevista minn din l-aħħar dispożizzjoni.

118. Fir-risposta tiegħu, il-Kunsill talab li fil-każ li tintlaqa' t-talba għall-annullament, jinżammu l-effetti tar-Regolament ikkontestat sal-mument li jiġi adottat att ġdid. Il-Parlament ma opponiex għal din it-talba.

119. Skont l-Artikolu 264(2) TFUE, li japplika wkoll fil-kuntest tat-Trattat Euratom inkwantu jissemma fl-Artikolu 106a(1) KEEA, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk tikkunsidra dan meħtieġ, tiddikjara liema mill-effetti tal-att li tiddikjara null għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi.

120. Fil-każ ineżami, nosserva li l-informazzjoni inkwistjoni hija strumentali għat-twettiq ta' proġetti ta' investiment li jirrigwardaw l-infrastrutturi tal-enerġiji u meħtieġa biex tiġi implementata l-politika tal-enerġija tal-Unjoni. B'mod partikolari, huma fundamentali għal attività valida ta' programmazzjoni pluriennali tal-interventi.

121. Barra minn hekk, l-istess Parlament, filwaqt li talab l-annullament tar-Regolament ikkontestat, ma opponiex għat-talba tal-Kunsill (sostnut ukoll mill-Kummissjoni), u afferma li ma huwiex kontra l-għan tal-att ikkontestat u l-istrumenti magħżula għal dan il-għan meta jiġu kkunsidrati fit-totalità tagħhom.

122. Għaldaqstant, insostni li jeżistu motivi validi, fid-dawl tal-importanza tal-politika tal-Unjoni kkonċernata u tal-fatt li l-kontestazzjonijiet tal-partijiet, essenzjalment, irrigwardaw biss l-għażla tal-proċedura ta' approvazzjoni tar-Regolament ikkontestat, biex il-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-effetti ta' dan l-istess regolament sakemm jiġi adottat att ġdid.

123. Għaldaqstant, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tilqa' r-rikors u tannulla r-Regolament ikkontestat, filwaqt li żżomm l-effetti tiegħu sakemm jiġi adottat att ġdid.

33 — Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 — L-unika każ fejn jista' jkun hemm, fit-teorija, il-possibbiltà ta' bażi legali doppja u, għaldaqstant, tqum il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-proċeduri.

35 — Il-Kunsill jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata kemm fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja fl-Artikolu 194 TFUE kif ukoll fil-każ tal-Artikolu 187 KEEA. Id-differenza prinċipali bejn iż-żewġ proċeduri huwa biss li l-Artikolu 194 TFUE jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Parlament. *In abstracto*, għaldaqstant, mill-perspettiva formali u proċedurali biss u mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-atti adottati, tista' ma tkunx kompletament eskluża l-kompatibbiltà bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.

V – Fuq l-ispejjeż

124. Jidhirli li l-Kunsill, bħala parti telliefa, għandu jiġi kkundannat ibati l-ispejjeż skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, kif mitlub mill-Parlament.

125. Skont l-Artikolu 69(4) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

VI – Konklużjonijiet

126. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet mogħtija hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi skont kif ġej:

"1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010, tal-24 ta' Ġunju 2010, dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 huwa annullat.

2) L-effetti tar-Regolament Nru 617/2010 għandhom jinżammu sad-dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid adottat fuq bażi legali adattata.

3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

4) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom".